# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2689

Kaz Numru 3704/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Consolato sive Silio Agius

U

Patri Pierre Desira OSA in rapprezentanza
tal-Provincja Agostinjana ta' San Mark u
Patri Alexander Cauchi OSA f'isimhom
propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza
tal-Komunita Agostinjana tal-Kunvent Santu Wistin.

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 27 ta' Novembru, 2020

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 4 ta' Dicembru, 2018 permezz ta' l-avukati Robert Abela u Maxine Gatt f'isem Consolato Agius. Minn naha l-ohra s-socjeta' l-Komunita' Santu Wistin tal-Belt Valletta irrispondew fl-1 ta' Frar, 2019 permezz ta' l-avukat Paul Gonzi.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddecidi il-kaz fil-perjodu stipulat mill-ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Il-partijiet qablu illi ghandha ssir korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi l-proceduri ghandhom jitkomplew fil-konfront biss tal-Komunita' Agostinjana tal-Kunvent Santu Wistin tal-Belt kif rapprezentata minn Patri Alexander Cauchi kif ukoll Patri Pierre Desira u ghaldaqstant il-partijiet l-ohra ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrenti s-sur Consolato Agius kien impjegat mis-socjeta' intimata igifieri l-Komunita' Agostinjana ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta fit-13 ta'Jannar, 2014 bhala handyman b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien indefinit. Kien spjegat illi is-socjeta' hawn imsemmija itterminat l-impjieg tar-rikorrenti ghal raguni ta' "redundancy" li r-rikorrenti s-sur Consolato Agius jghid li r-raguni moghtija ma' kinetx wahda genwina u ghaldaqstant dan il-licenzjament ma huwiex wiehed skont il-ligi.

Minn naha l-ohra s-socjeta' jigifieri l-Komunita' Agostinjana ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta spjegat illi s-sur Consolato Agius kien impjegat mas-socjeta' mill-2014 bhala handyman sabiex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni ordinarja skond il-htiega ta' l-istess Komunita' u sabiex jaghmel manutenzjoni sporadici fuq partijiet tal-kunvent gewwa l-Belt Valletta u dan fid-diskrezzjoni tal-Komunita' minn zmien ghal zmien. F'dan ir-rigward is-socjeta' tirribatti t-talbiet tar-rikorrenti ghaliex targumenta li kien miftiehem li meta dawn ix-xogholijiet ta' manutenzjoni jitlestew ma kienx ser jibqa l-bzonn ta' impjegat handyman full-time. Is-socjeta' spjegat li meta wasal dan iz-zmien, offriet alternattivi ta' impjieg lis-sur Consolato Agius liema offerti dan ta' l-ahhar, irrifjuta. Fl-istess hin huwa ghamel il-proposta tieghu biex jinghata kumpens ta' sena paga, liema proposta giet rifjutata mis-socjeta'.

**Fatti tal-kaz**

Is-sur Consolato Agius kien impjegat fit-13 ta' Jannar, 2014 fuq kuntratt ta' impjieg indefinit. Fil-mori tal-kawza kien esebit (Rikors 4 ta'Dicembru, 2018 - DOK A) kuntratt ta'impjieg iffirmat biss minn Fr Alexander Cauchi OSA. Ma' dan il-kuntratt kien anness dokument iehor bla firem li jghid li l-impjegat qed jahdem bhala domestic, jigifieri li ghandu jaghmel xoghol ta' manutenzjoni, ta' tindif u xi xoghol iehor skond il-htiega tal-Komunita' koncernata.
Illi f'Lulju ta' 2018 is-socjeta' hasset li x-xogholijiet ta' manutenzjoni ordinarja kienu ser jitlestew fi zmien qasir u li ghaldaqstant ma kinex ser ikun hemm il-bzonn ta' full timer f'dik il-kariga. Fil-31 ta' Lulju, 2018 s-sur Consolato Agius kien infurmat mil-Pirjol Fr Alexander Cauchi fil-prezenza ta' Fr Nazzareno Saliba li s-socjeta' ma kellhiex xoghol bizzejjed biex tiggustifika l-impjieg tieghu u ghaldaqstant kienu qed jaghtu n-notice period ta' 8 gimghat ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg fuq raguni ta' "redundancy".

Minn naha tieghu, s-sur Consolato Agius ipprezenta ittra lis-socjeta' minghand l-avukat tieghu jinforma li hu ma kienx qed jaccetta t-terminazzjoni ta' l-impjieg minn mas-socjeta' ghar-raguni li r-"redundancy" mhux qed tkun konsidrata bhala genwina. Huwa argumenta li qatt ma kien inghata hjiel li l-kuntratt tieghu kien marbut ma' xi zmien partikolari la meta kien impjegat u anqas xi zmien wara. Difatti huwa qal li meta l-kuntratt tieghu gie terminat, hu kien ghadd ghandu diversi xogholijiet li kienu skedati biex jaghmel u li minhabba li spicca mix-xoghol baqa ma lestihomx.

Hu jargumenta li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu giet wara li l-Komunita' Agostinjana tal-Belt Valletta kienet dahlet ghal spiza tal-progett tac-Centru ta' l-Interpretazzjoini, li minkejja li 80% tan-nefqa tal-progett kienu fondi gejjin mill-UE, xorta il-Komunita' permezz tal-Fondazzjoni Socjo-Kulturali Ambjentali Agostinjana – VO/1009 imwaqqfa biex tmexxi dan il-progett, kellha tohrog 20% tan-nefqa. Is-sur Consolato Agius jargumenta li l-paga tieghu dehret ta' piz fuq il-finanzi tal-Komunita' li fic-cirkostanzi riedet tiffranka.

Intbghatu xi ittri legali lil xulxin mill-avukati rispettivi tal-partijiet u dahlu f'negozjati biex tinstab soluzzjoni. Is-socjeta' offriet xoghol part time lis-sur Consolato Agius billi jahdem 10 sighat garantiti fil-kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt u 10 sighat ohra garantiti f'xi kunvent iehor ta' l-istess Ordni. Din l-offerta kienet rifjutata mis-sur Consolato Agius ghaliex ma kienux bizzejjed biex jaghtu sigurta' finanzjarja lil familja tieghu. Dan ta' l-ahhar kien issuggerixxa li jaghmel xoghol ta' handyman mal-Kullegg ta' Santu Wistin fil-Pieta meta fl-istess zmien kienu qed ifittxu lil xi hadd ghal xoghol ta' handyman fuq bazi full time u b'kuntratt indefinit.

Fr Pierre Desira l-ekonomu tal-provincja jispjega kif l-attentat tieghu biex isir dan l-arrangament ma rnexxiex ghaliex meta avvicina lir-rettur tal-Kullegg Fr David Cortis kien infurmat li l-applikazzjonijiet ghal pozizzjoni ta' handyman kienu diga ghalqu fit-12 ta' Awwissu, 2018. Quddiem din is-sitwazzjoni, s-sur Consolato Agius talab li jinghata kumpens ta' sena paga biex jigi terminat l-impjieg tieghu. Is-socjeta' hasset li dan l-ammont huwa gholi wisq ghaliha u rrifjutat il-proposta.

Fis-26 ta' Settembru, 2018 f'ittra ffirmata mill-ekonomu Fr Pierre Desira OSA informa lis-sur Consolato Agius li konsistenti mal-konversazzjoni li kienet saret bejn Fr Alexander Cauchi OSA, fil-presenza ta' Fr Nazzareno Saliba mas-sur Consolato Agius fil-31 ta' Lulju, 2018, l-impjieg tas-sur Consolato Agius kien sa jkun mitmum gheluq it-8 gimghat minn dik il-konversazzjoni kif effettivament sar.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn kellu jezamina c-cirkonstanzi biex jara jekk kienx hemm terminazzjoni genwina ghal ragunijiet ta' "redundancy" dan billi t-Tribunal jara jekk effettivament kienx hemm nuqqas ta' xoghol li jiggustifika "redundancy" kif titlob il-ligi u fil-kaz, jekk ittiehdux il-mizuri necessarji biex l-effetti negattivi ta' "redundancy" ikunu mitigati ghal beneficcju taz-zewg partijiet.

Kapitlu 452 tal-ligijet ta' Malta ma' jghatux definizzjoni ta' "redundancy" allura wiehed irid joqghod fuq il-gurisprudenza fosthom;

1. Remmie Armani vs Francis Busuttil & Sons dated 28th June, 2011 reference 40/ 2010
2. Joseph Baldacchino vs FS Engineering & Plastics Ltd dated 6th November, 2014 reference 3142 CCG
3. Tonio Calleja vs Vitafoam Ltd – Appeals' Court 2/2005
4. Victoria Spiteri vs St Catherine's High School – Appeals' Court dated 18th October, 2006
5. Ronald John Pace vs Laurence Barran – Commercial Court dated 4th October, 1976
6. Hotels Section GWU vs Messrs A Buttigieg Ltd dated 18th November, 1970
7. John Bartolo vs International Machinery Ltd – Appeals' Court dated 9th May, 2007
8. Andrew Barbara vs PE Trading Ltd – Appeals' Court dated 5th March, 2010
9. Sciberras vs BPC International Limited dated 16th October, 2013
10. John Muscat et vs Gordon Urmston Munro Civil Court dated 20th April, 1977.
11. Bartolo Vella vs Web International Services Ltd – Industrial Tribunal dated May 2020.

Din il-prattika hafna drabi ukoll issegwi il-kazistika Ingliza li stabilit certu linji gwida ghal-decizjoni dwar l-istess.

<u>Fatturi li jiddeterminaw "redundancy"</u>

F'sitwazzjoni ta' "redundancy" min ihaddem ghandu l-obbligu li jara li d-drittijiet ta' l-impjegat jew impjegati li sa jintlaqtu ikunu rispettati u l-passi li jittiehdu iridu juru li l-intenzjoni ta' min ihaddem hija retta, ekwa, trasparenti, gusta, sensittiva u miftuha ghad-djalogu.

“Redundancy” ghandha tkun l-ahhar mizura wara li kull opportunita’ biex tigi evitata r-“redundancy”, tkun fallit. Kuntrarjament ghal kuntratt ta xiri jew bejgh ta’ prodotti, it-telf tax-xoghol u t-terminazzjoni ta’ kuntratt ta’ impjieg jaf ikollu konsegwenzi serji u fit-tul ghal persuna milquta u l-familja taghha. Ghalhekk sitwazzjoni bhal din titlob sensittivita’ min-naha ta’ min ihaddem biex jassigura li l-impjegat li sa jintlaqat jinghata trattament gust, anki sabiex jinzamm moral u produttivita’ gholja ta’ dawk li jibqghu fl-impjieg.

Fil-ligi ingliza, “redundancy” hija konsidrata bhal forma specjali ta’ tkeccija li ssehh meta min ihaddem irid inaqqas in-numru ta’ l-imjegati. F’dan ir-rigward l-impjegat ikun “redundant” meta;

1 min ihaddem jieqaf mill-attivita tan-negozju, jew ikollu l-intenzjioni li jghamel dan, jew
2 il-htiega li l-impjegati jew impjegat ikompli b’attivita partikolari jew biex ikompluha f’dik il-lokalita fejn normalment jahdmu, tkun spiccat jew il-volum ta’ l-attivita’ partikolari naqas b’mod sinifikanti jew mistenni li jispicca jew jonqos b’mod sinifikanti.

Ghalhekk ir-rwol li l-haddiem kien qed jaghmel irid ikun spicca jew kwazi spicca biex ikun hemm “redundancy” genwina. Dan jigri hafna drabi minhabba:

1 teknologija gdida jew sistemi li jnaqqsu il-bzonn tal-haddiema,
2 il-bzonn li jitnaqqsu l-ispejjez u ghalhekk jitnaqqas in-numru ta’ l-impjegati,
3 in-negozju sa jaghlaq jew sa jimxi ghal post iehor.

Ghalhekk, “Redundancy” genwina issehh biss meta t-terminazzjoni ta’ l-impjieg ikun attribwit ghal fatt li min ihaddem ghandu bzonn inqas impjegati biex isir certu xoghol jew jistenna li t-tijp ta’ impjegati ezistenti sa jonqos il-bzonn taghhom.

F’dawn ic-cirkostanzi min ihaddem irid jara li jiehu dawk il-mizuri biex jinforma u jiddjaloga ma’ l-impjegat jew impjegati milquta u jiehu dawk il-

passi biex inaqqas kemm jista jkun it-tbatija billi joffri nformazzjoni, appogg, tahrig u opportunitajiet realistici ta' impjieg alternattiv.

<u>It-tip tal-kuntratt</u>

F'dan il-kaz l-impjegat s-sur Consolato Agius kellu kuntratt ta' xoghol indefinit u fid-dikjarazzjoni tal-kaz tas-socjeta' jinghad f'paragrafu (v);

*l-intiza bejn il-partijiet minn dejjem kienet illi x-xoghol tar-rikorrenti kien marbut ma dik il-manutenzjoni ordinarja skond il-htiegijiet tal-kunvent. Minn dejjem kien car li meta dawn ix-xogholijiet ta' manutenzjoni jitlestew ma kienx ser jibqa l-bzonn ta' impjegat handyman full time. Ir-rikorrenti kien jaf b'dan meta kien gie impjegat ghaliex hekk kien sar id-diskors.*

Minn naha l-ohra s-sur Consolato Agius fis-seduta tat 8 ta' Mejju, 2020 pagni 25 u 26 jghid  li qatt ma kien hemm diskors bhal dan la fil-mument ta' l-impjieg tieghu u anqas wara li gie impjiegat. Anzi hu jinsisti li Fr Alexander Cauchi f'aktar minn okkazzjoni wahda kien jghid li r-rikorrenti li huwa tal-post filwaqt li iz-zewg impjegati l-ohra s-sur Joseph Agius u s-sur Joe Debono huma bil-kuntratt. Anzi intqal li Fr Alexander Cauchi kien jghid lis-sur Consolato Agius li dan ta' l-ahhar kien sa jispicca mill-impjieg mal-Komunita' Agostinjana, bil-pensjoni.

Fis-seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2019 pagna 43 Fr Alexander Cauchi mistoqsi jekk kienx spjegalu lis-sur Agius meta kien fil-punt ta' l-impjieg li jekk jispicca x-xoghol ta' manutenzjoni ma jkomplix full-time imma jsir part time, Fr Alexander Cauchi rrisponda li ma jiftakarx ezatt imma jkomplu jghid li *"Qatt ma' tkellimna".*

Infatti il-kuntratt tax-xoghol tas-sur Agius ma jsemmi xejn dwar il-fatt li is-socjeta' kellha l-intiza li ttemm l-impjieg galadarba thoss li x-xoghol kollu mehtieg ta' manutenzjoni jispicca. Dettal bhal dan huwa materjali meta wiehed iqis li dak iz-zmien s-sur Agius kien sa jitlaq impjieg indefinit u anki

kellu offerta oħra f'idu ta' impjieg indefinit mas-sorijiet Agostinjani, minn fejn jagħżel.

It-Tribunal iħoss li la l-intiża ta' l-intimati kien li l-impjieg ikun għal perjodu ta' żmien u mhux indefinit, dan id-dettal importanti kellu jkun fil-kuntratt tax-xogħol biex ikun ċar li il-partijiet qed jaqblu fuqu. Il-liġi tipprovdi għal kuntratti definiti meta min qed iħaddem jgħażel li jimpjega lil ħaddiem għal perjodu definit. Imma s-soċjeta' għażlet li tagħmel kuntratt indefinit minflok wieħed definit.  Din l-ambigwita' kienet rikonoxxuta anki minn Fr Pierre Desira meta qal fis-seduta tal-5 ta' April 2019 pagna 13 li l-affarijiet setgħu saru aħjar.

Għalhekk it-Tribunal jaċċetta d-dikjarazzjoni tas-sur Consolato Agius li qatt ma' kien hemm qbil bejn il-partijiet li il-kuntratt tax-xogħol tiegħu huwa għal perjodu ta' żmien biss u mhux għal wieħed indefinit. Għalhekk it-Tribunal sa jibqa' jikkonsidra il-kuntratt tax-xogħol tas-Sur Consolato Agius bħala wieħed indefinit kif fil-fatt huwa.

<u>Ix-xogħol</u>

Jidher mix-xhieda li x-xogħol ta' manutenzjoni kien estensiv għaliex kif qalu Fr Cauchi u Fr Desira xogħol ta' manutenzjoni kien ilu ħafna snin ma' jsir u għalhekk kien hemm bżonn xogħol kbir. Jidher ukoll li x-xogħol kien jirrikjedi manutenzjoni ordinarja u rikurrenti bħal tibjid, tikħil, żebgħa u ġarr ta' affarijiet kemm fil-kunvent u kemm f'xi propjetajiet tas-soċjeta'. Kien hemm ukoll xogħol aktar goff li mhux ordinarju u anqas rikurrenti bħal tibdil ta' kmamar tal-banju, trattament tal-bjut, ftuħ ta' bibien u qtuħ ta' trinnek. Ix-xogħol kien tant estensiv li waqt it-terminu ta' l-impjieg tas-sur Consolato Agius, ġew ingaġġati fuq kuntratti definiti s-sur Joseph Agius u s-sur Joe Debono. Il-kuntratti ta' dawn anki kienu ġew estiżi għal perjodu ieħor ta'żmien imma sa Lulju ta' 2017 dawn il-kuntratti kienu terminati. Dan jagħti sinjal li kien antiċipat li x-xogħol seta jmajna fiż-żmien li kien ġej.

Minn naha l-ohra xorta jibqa il-fatt li x-xoghol moghti mis-sur Consolato Agius kien wiehed sodisfacenti ghas-socjeta'. Fis-sottomissjonijiet finali s-socjeta' tistqarr li hi kellha fiducja fir-rikorrenti u l-kapacitajiet tieghu. Filwaqt li s-sur Consolato Agius jixhed fl-affidavit tieghu li is-socjeta' dejjem trattatu sewwa u hu kien kuntent jahdem ghas-sid. Kien rikonoxxut ukoll li Fr Nazzareno Saliba kien jaghti daqqa t'id ukoll fix-xoghol u jidher li meta spiccaw il-kuntratti tas-sinjuri Joseph Agius u Joe Debono, Fr Nazzareno Saliba u s-sur Consolato Agius hadmu flimkien aktar mill-qrib. Jidher li r-relazzjoni ta' xoghol bejn is-sur Consolato Agius u il-Komunita' kienet wahda sana filwaqt li kien ghadd hemm xoghol full time ghas-sur Agius u anki sighat supplimentari ghal Fr Nazzareno Saliba.

Fl-2016 is-socjeta' permezz tal-Fondazzjoni Socjo-Kulturali Ambjentali Agostinjana applikat ghal fondi ta' l-EU biex parti mill-kumpless tal-kunvent jinbidel f'centru ta' Interpretazzjoini. Progett bhal dan kellu jiswa mat-2.7 miljun euro li 20% minnhom kellhom jinhargu mill-Fondazzjoni imwaqqfa mis-socjeta'. Infatti fl-2018 il-Project Co-ordinator u Assisting Project Leader Dr Malcolm Borg u l-Pirjol tal-kunvent Fr Alexander Cauchi kienu ppreparaw id-dokumenti tat-tenders li kellhom johorgu biex jibda x-xoghol fuq il-progett.

Jidher li minkejja li il-progett ta' l-UE kellu jiffoka fuq il-parti tal-kunvent li s-sur Consolato Agius ma' kienx jahdem fih, l-izvillup tal-progett b'fondi mill-UE kien qed jaffettwat ir-rittmu jekk mhux il-volum tax-xoghol li normalment responsabbli ghalih s-sur Consolato Agius.

Fix-xhieda tieghu Fr Nazzareno Saliba jispjega kif il-progett ta' l-EU affettwa r-ritmu tax-xoghol li kienu jghamlu hu u r-rikorrenti s-sur Consolato Agius. Fr Nazzareno Saliba fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2020 jistqarr li;

*..imbaghad peress li hadna, hadna il-din tal-Unjoni Ewropea, ix-xoghol tal-Unjoni Ewropea, imbaghad hafna xoghol li ha jaghmluh huma, sibna li ma nistghux nibqghu mexjin bl-istess ritmu li konna.*

Dr Malcolm Borg il-Project Co-ordinator u Assisting Project Leader xehed fis-seduta tas 7 ta' Frar, 2020 li l-living quarters, id-dormitories, il-kcina, is-swali tal-ikel sa jigu mehmuza mal-progett ghalkemm aktar tard gie stabilit li c-celel mhux sa jigu restawrati.

Dan jindika li ghalkemm is-sengha tas-sur Consolato Agius mhiex dik ta' restawratur, il-progett tac-Centru ta' l-Interpretazzjoni kien qed jaffettwa ir-ritmu tax-xoghol normali ta' manutenzjoni li jsir fil-kunvent. Dan jindika ukoll certu "overlap" bejn il-hidma tal-progett u x-xoghol ta' manutenzjoni li jghamel is-sur Consolato fil-kunvent. Infatti Dr Malcom Borg jispjega li f'certu hinijiet il-pubbliku sa jkun jista' jaccessa partijiet tal-kunvent meta c-centru ta' interpretazzjoni jiftah ghal pubbliku.

Dan kien korroborat ukoll minn Fr Alexander Cauchi fis-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2019 pagna 35 meta spjega li meta s-sur Consolato Agius beda jsemmi ix-xoghol li fadal xi jsir minkejja li kien servut bis-sensja, Fr Cauchi qallu –
*Dawk huma kollha marbutin mal-progett li ha jigi kkonfinanzjat mill-Ewropa.*

Din l-istqarrija hija konsistenti ma' dak li qal Fr Nazzareno Saliba li il-progett affettwa r-ritmu tax-xoghol tieghu u tas-sur Consolato Agius. Ghaldaqstant, it-Tribunal jinnota li parti mir-raguni li x-xoghol naqas ghas-sur Consolato Agius kien il-fatt li certu hidma giet inkorporata fil-progett u ghaldaqstant kienet sa jsir mill-kumpanija li kienet sa titqabbad biex twettaq il-progett.

Fil-kunvent kien hemm ukoll s-sur Godfrey Caruana haddiem tal-Community Workers Foundation tal-General Workers Union li xogholha huwa li tipplejsja bla hlas haddiema li kienu qed jirregistraw ghax-xoghol. Ghalhekk il-kunvent kellu parr dirghajn ohra li setghu jintuzaw ghal xoghol hafif fosthom it-tindif, li ukoll kien xoghol elenkat taht ir-responsabiita' tas-sur Agius fil-kuntratt tax-xoghol, anki jekk il-Komunita' dejjem ghazlet li s-sur Agius jiffoka fuq xoghol ta' manutenzjoni u mhux tindif.

Fl-2018 wasal ukoll fil-Kunvent Bro Mario li skond Fr Nazzareno Saliba jaf jaghmel xoghol ta' manutenzjoni aktar milli jaf huwa u ghalhekk kien par dirghajn ohra ghal xoghol bhal dan.

It-Tribunal jinnota li mil-2017 kien hemm numru ta' sitwazzjonijiet li bdew jikkonvergjaw f'direzzjoni fejn ix-xoghol li normalment jghamel is-sur Consolato Agius, jonqos. Dan ghaliex bejn li certu xoghol goff u mhux regolari kien tlesta filwaqt li xoghol ordinarju u regolari kien qed jinfirex izjed meta gie inkluz Bro Mario u issa anki b'rizultat li certu xoghol kien qed jigi assorbit mil-progett.

Dan iwassal lit-Tribunal jifhem li x-xoghol ta' manutenzjoni ordinarja u straordinarja kien naqas u kien jidher li sa jkompli jonqos ghajr it-tindif li Fr Pierre Desira kien korrett meta ddeskrivih bhala attivita' repetuta u ghalhekk ma tispiccax.

<u>L-element finanzjarju</u>

Fr Pierre Desira jindika li il-fondi tal-Ewropa waslu "ricentement" igifieri fl-2018 kif stqarr fis-seduta tal- 5 ta' April 2019 u kif ukoll jikkonferma Dr Malcolm Borg fix-xiehda tieghu. Dan fisser ghal Komunita' li kien wasal iz-zmien li permezz tal-Fondazzjoni Socio-Kulturali Ambjentali Agostinjana imwaqqfa mill-Komunita' biex tamministra dan il-progett kellha tohrog l-20% tan-nefqa tal-progett.

Allura wiehed jifhem ghaliex Fr Alexander Cauchi jghid lis-sur Consolato Agius li gejjin hafna spejjez ghal kunvent minhabba il-progett ta' l-Ewropa – (affidavit ta' Consolato Agius immarkat CA1 pagni 3 u 4).

U meta tqis li l-kunvent qieghed fi stat kontinwu ta' falliment kif stqarr Fr Pierre Desira fis-seduta 6 ta'Dicembru, 2019 pagna 29 allura wiehed jifhem li

il-bzonn li jonqsu l-ispejjez kien reali u hija plawsibbli d-dikjarazzjoni tas-sur Consolato Agius li jghid li hu inghata is-sensja biex tigi ffrankata l-paga tieghu.

Fil-waqt li t-tnaqqis ta' l-ispejjez ghal raguni ta' sostenibilita' huwa raguni valida ghal "redundancy", il-paga tas-sur Consolato Agius li twassal ghal madwar €16,800 fis-sena ma' tantx sa tghamel differenza materjali meta pparagunata ma' 20% ta' 2.7 milljun euro li il-Komunita' permezz tal-Fondazzjoni kellha tohrog ghal progett.

<u>Thejjija ghar-"redundancy"</u>

Fis-seduta tal-5 ta' April 2019 Fr Pierre Desira spjega li tant il-Komunita' tal-kunvent kienet certa li x-xogholijiet kienu sa jispiccaw li sahansitra mill-Lulju ta' 2017 il-Komunita' iddecidit li ma' ggedditx il-kuntratt definit tas-sur Joe Debono ghax nikkwota –
*" rajna illi isma', l-ammont ta' xogholijiet li ahna qed nanticipaw bdew jikkonkludu".*

It-Tribunal jistaqsi li jekk l-indikaturi kienu tant cari minn sena qabel li x-xogholijiet kienu sa jispiccaw ghaliex il-Komunita' ma haditx l-opportunita' u tavza lis-sur Consolato Agius b'din is-sitwazzjoni biex anki hu jkun jista' jibda jahseb f'xi alternattivi ta' impjieg?

Dan kien l-obbligu ta' min ihaddem li quddiem realta' ta' dan it-tip jinforma lil haddiem u anki jidhol fi djalogu mieghu bi thejjija. Ippjanar tajjeb juri intenzjoni retta, trasparenza, sensittivita' li iwassal ghal anqas tbatija ghall-impjegat u professjonalita' akbar minn min ihaddem. F'dan il-kaz il-Komunita' tilfet opportunita' li tghamel dak mistenni.

Fl' istess seduta Fr Pierre Desira spjega kif ghal habta ta' Gunju jew Lulju ta' 2018, Patri Alexander Cauchi kien avvicinah u nfurmah li hafna mix-xogholijiet tlestew. Fr Pierre Desira kien irrisponda pagna 19 u 20 nikkwota –

*“Imn’ alla qed tghidli. Ghax jekk inhu hekk irridu navzawh lill-haddiem illi isma’, ahna qed nanticipaw illi x-xogholijiet illi kellhom isiru issa twettqu. U ccekkjajt daqsxejn u rajt li fil-kaz tieghu li kien ilu erba’ (4) snin jahdem maghna ghax mill- 1 ta’ Jannar tas-sena 2014, imma inqas minn seba’ (7) snin allura hemm tmien (8) gimghat notice. Allura ghedtlu “Isma, jekk ha nkellmu, allura meta nigu biex intuh il-paga ta’ Lulju niehdu hsieb illi b’mod formali wiehed jghidlu, “Isma, ahna qed nanticipaw tmien (8) gimghat ohra xoghol, hawn cioe’ li mil-lum jibda n-notice period ghalik u jibda mbaghad, cioe’ qed nghid ahna sa tmien (8) gimghat ohra xoghol nistghu nqisu li jezisti, imbaghad qed nghidu isma ma jibqax il-htiega ta’ full time job.*

Hawn it-Tribunal jinnota kemm il-Komunita’ kienet koncernata bil-korrettezza legali tan-notice period izda ferm inqas dwar il-bzonn ta’ djalogu mal-haddiem biex possibilment tigi evitata ir-“redundancy”. Jidher car li il-Komunita’ f’dan l-istadju ma’ kienet qed tikkonsidra xejn ghajr tkeccija meta fil-fatt kellha l-obbligu li tidhol fi djalogu mal-haddiem u tara li jsiru dawk l-arrangamenti biex titnaqqas u tigi mitigata t-tbghatija.  Din l-opportunita’ ntilfet ukoll.

Kien biss fl-20 ta’ Awwissu meta il-Komunita’ rceviet l-ittra legali minghand l-avukat tas-sur Agius li Fr Desira bhal donnu nduna bin-nuqqas ghaliex nikkwota-

*“ Ovvjament, meta wiehed jircievi ittra bhal din anke jekk ma jkunx jaf l-affarijiet jigifieri mill-ewwel jibda jintebah illi wiehed jara jistax jirranga xi haga ghax li thalli lil xi hadd lampa stampa ga’ meta wiehed jghidlu isma’ m’ghandix xoghol nifhem id-diffikulta”*

Kien hawn li ttiehdu pariri legali minn naha tal-Komunita’ u beda negozjar bejn l-avukati. Forsi aktar kien f’waqtu li ssir medjazzjoni biex tinstab formola tajba ghal kulhadd aktar milli negozjar li fir-realta ma wassal ghal ebda soluzzjoni.

L-offerta ta' xoghol part time kienet gest fid-direzzjoni t-tajba imma wiehed jifhem li offerta bhal din kienet ftit wisq biex wiehed jibbaza d-dhul tieghu fuqha.

Infatti s-suggeriment tas-sur Consolato Agius li jinghata cans ta' mpjieg ta' handyman mal-Kullegg ghal vakanza li kellhom dak iz-zmien, kien wiehed prattiku u kellu l-potenzjal li jsolvi l-problema. Gara izda li Fr Pierre Desira tkellem mar-rettur tal-Kullegg wara li kienu ghalqu l-applikazzjonijiet u ghalhekk s-sur Consolato Agius tilef ic-cans. L-istorja setghat kienet differenti hafna li kieku fil-31 ta' Lulju, 2018 il-Komunita' dahlet fi djalogu mal-haddiem, refghat ir-responsabilta' taghha bhala "employer" u hadmet fuq suggeriment bhal dan. Dak iz-zmien, l-applikazzjonijiet ghal-post vakant ta' handyman mal-Kullegg ta' Santu Wistin ma' kienux jghalqu qabel it-12 ta' Awwissu, 2018. Kienet opportunita' ohra fejn il-Komunita' setghat urit gustizzja u trasparenza u ezempju ta' good practice imma ntilfet ukoll.

Kienet ukoll opportunita' ghal Komunita' biex tesplora il-possibilita' li l-esperjenza fl-industrija tal-kostruzzjoni ghal diversi snin tas-sur Agius u anki esperjenza ta' erba' snin jahdem fl'istess edificju igifieri il-Kunvent ikun integrat fi progett mega ta' 2.7 miljun euro.

Il-fatt li Fr Alexander Cauchi u Dr Malcolm Borg iddraftjaw flimkien id-dokumenti tat-tender ghax-xogholjiet tac-centru ta'Interpretazzjoni taghthom l-opportunita' li ghalmenu setghu jesploraw il-possibilita' li jintegraw il-hila tas-sur Agius fil-progett. Is-sur Consolato Agius bil-modesta kollha qatt ma talab jghamel xoghol ta' restawratur imma il-progett jinkludi kemm interventi professjonali kif ukoll interventi ta' natura operattiva liema interventi ma kienux aljeni ghas-sur Consolato Agius fosthom xoghol ta' skavar u twaqqih kif spjega tajjeb Dr Malcolm Borg.

Dan il-Project Co-ordinator stqarr li hafna minn nies fuq il-progett huma professjonali kif fil-fatt wiehed jistenna. Pero dan ifisser li il-ftit mhumiex u f'dan il-kaz qed nitrattaw kaz ta' persuna wahda. S-sur Agius, m'ghandux il-

kwalifici akkademici imma zgur ghandu snin twal ta' esperjenza f'industrija tal-kostruzzjoni u erba' snin jahdem fuq l-istess edificcju tal-kunvent. Zgur li huma esperjenzi utli u mfixxija minn min jidhol ghal progetti ta' din il-kwalita'. Fi kliem Dr Malcolm Borg stess huwa jippreferi haddiem bl-esperjenza minn wiehed li hu imharreg imma bla esperjenza – seduta tas-7 ta' Frar, 2020 pagna 18.

Kienet opportunita' ohra mitlufa fejn il-Komunita' setghat urit l-intenzzjoni taghha li timmitiga is-sensja li kienet anticipat imma sfortunatament dan ma' sarx.

It-Tribunal josserva li bi ftit ippjanar minn qabel, gharfien ahjar ta' l-obbligazzjonijiet ta' min ihaddem, djalogu u trasparenza u forsi medjazzjoni f'waqtha, dan il-kaz seta kellu tmiem differenti. Il-Komunita' kellha diversi opportunitajiet reali ta' soluzzjoni li tilfet ghad-detriment taz-zewg partijiet.

It-Tribunal ikkonsidra ukoll li il-kunvent mhux entita' kummercjali ghalkemm dan xejn ma' jnaqqas mir-responsabilita' u l-obbligi tal-Komunita' bhala "employer", ikkonsidra ukoll li minkejja n-nuqqasijiet, kien hemm attenti genwini minn Fr Pierre Desira biex tinstab soluzzjoni ekwa. Kien konsidrat ukoll li s-sur Consolato Agius sab xoghol alternattiv immedjatament wara li inghata s-sensja kif ukoll il-fatt li s-sur Agius ghadda minn stress bla bzonn minhabba il-mod kif giet immanigjata is-sitwazzjoni.

**<u>Decizjoni</u>**

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita' u l-komplessita' taghhom, jiddecidi li r-rikorent s-sur Consolato Agius kien terminat mix-xoghol ingustament u ghalhekk mhux skond il-ligi.

**<u>Kompens</u>**

Il-Komunita’ Agostinjana tal-Kunvent ta’ Santu Wistin tal-Belt Valletta thallas b’kumpens lis-sur Consolato Agius fi zmien tliet xhur minn din id-data is-somma ta’ €8,400 (Tmient elef u erba mitt euro).

L-ispejjez tal-kawza taz-zewg partijiet huma a karigu tas-socjeta’ intimata’ igifieri l-Komunita’ Agostinjana ta’ Santu Wistin tal-Belt Valletta.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju